MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 27/2010/1

**Charles Schembri (KI 294466 M)**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fil-25 ta' Novembru 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"L-Arbitru***

*Ra l-applikazzjoni gdida tal-appellant ghall-Ghajnuna Socjali ghal Dizimpjieg tal-14 ta' Settembru 2009 u dan wara li din l-Ghajnuna kienet giet lilu mwaqqfa fit-13 ta' Marzu 2009 minhabba li inghad illi l-valur tar-rizorsi kapitali tal-appellant u tal-familja tieghu kien ecceda l-limitu ta' €23,000.*

*Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-13 ta' Frar 2010.*

*Ra l-ittra tal-appell.*

*Ra r-risposti tad-Direttur tas-27 ta' Settembru 2010 u tal-20 ta' Ottubru 2010.*

*Ra d-dokumenti pprezentati mill-appellant u kif ukoll dawk ipprezentati mid-Dipartiment.*

*Semghet lill-appellant u lil martu s-Sinjura Margaret Schembri u kif ukoll lir-rapprezentant tad-Dipartiment fis-seduti tat-30 ta' Settembru 2010 u tal-21 ta' Ottubru 2010.*

***Ikkunsidra: -***

*Illi mix-xhieda 'viva voce' tal-appellant u ta' martu Margaret Schembri u kif ukoll mid-dokumenti bankarji u kuntratti ta' xiri u bejgh ezebiti jirrizulta illi l-appellant flimkien ma' martu kienu xtraw it-tieni residenza taghhom u sabiex setghu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu dan qabel ma' irnexxielhom jbieghu d-dar matrimonjali precedenti taghhom huma kellhom jiehdu self mill-HSBC Bank Malta p.l.c. sabiex jhallsu d-depozitu fuq il-konvenju ghax-xiri tat-tieni residenza taghhom. Sabiex jkunu f'posizzjoni illi jiehdu dan is-self kien qaghad bhala garanti Lawrence Seychell li jigi qarib tal-appellant u martu. L-appellant u martu jispjegaw illi sakemm immatura l-kont fiss li kellu f'ismu l-imsemmi Lawrence Seychell huma kienu jhallsu pagamenti mensili ta' madwar €30 u meta l-kont fiss ta' Lawrence Seychell kien immatura ftit tax-xhur wara huma kienu hallsu l-bilanc kollu dovut minnhom lill-HSBC fis-somma ta' €13,976 (Lm6,000). Sussegwentement meta huma kienu bieghu l-ewwel residenza taghhom huma kienu hargu cekk fuq isem l-imsemmi Lawrence Seychell fis-27 ta' Marzu 2009 fis-somma ta' €11,646.86 peress illi z-ziju hafrilhom il-kumplament.*

*Illi mill-kontijiet bankarji ezebiti mill-appellant jirrizulta illi fid-29 ta' Ottubru 2007 l-appellant u martu kienu hadu self*

*mill-bank in kwistjoni fl-ammont ta’ €13,976.24 (Lm6,000); jirrizulta wkoll illi fid-19 ta’ Frar 2008 kien sar trasferiment tal-ammont ta’ €13,976.24 mill-kont bankarju ta’ Lawrence Seychell fil-kont bankarju tal-appellant u martu liema ammont kien gie utilizzat sabiex jigi saldat id-dejn mal-bank. Jirrizulta in oltre illi fit-28 ta’ April 2009 gie depozitat l-ammont ta’ €11,646.86 ossija c-cekk mahrug mill-appellant fil-kont bankarju ta’ Lawrence Seychell. Jinghad illi d-dar matrimonjali li kienet tinsab fiz-Zejtun kienet inbieghet fis-26 ta’ Marzu 2008 filwaqt illi fl-4 ta’ Gunju 2009 l-appellant u martu kienu xtraw it-tieni residenza taghhom li tinsab gewwa iz-Zurrieq.*

*Illi jirrizulta ghalhekk illi l-appellant irnexxielu jissostanzja permezz ta’ ircevuti u statements ta’ kontijiet bankarji kif huwa iddispona mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali b’mod illi allura ma eccediex il-limitu ta’ €23,000.*

*Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh.*

Rat ir-rikors tal-Appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datat 30 ta’ Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti tilqa’ dan l-appell u ghalhekk tirrevoka d-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta` Socjali decizjoni numru 461/2010 deciz fil-25 ta’ Novembru 2010, billi tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur datata 2 ta’ Frar 2010 u cioe` li l-appellat m’ghadux jissodisfa l-kriterji mehtiega mil-ligi ghall-ghoti ta’ Beneficcju ghal disimpjieg.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ April 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tal-7 ta’ April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghad-Direttur tas-Sigurta` Socjali rapprezentant minn Ivan Cilia, u Charles Schembri. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant qed isostni li d-decizjoni tal-Arbitru hija zbaljata ghaliex fil-kalkolazzjoni tal-Mezzi kif provdut fit-**Tieni Skeda tal-Kap. 318** hemm zball peress li jirrizulta li r-rizorzi kapitali tal-appellat huma iktar minn €23,000 peress li jirrizulta li l-appellat ma` martu kienu bieghu ir-residenza matrimonjali taghhom b'kuntratt datat 26 ta' Marzu 2010 ghall-ammont ta' Lm103,000 ekwivalenti ghal €239,925.46 li gew uzati sabiex (a) akkwistaw it-tieni residenza taghhom- €192,169.87 minnhom permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Gunju 2009 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar; (b) irrifondew l-ammont ta' €11,646.86 (Lm5,000) lil Lawrence Seychell li kien bhala garanti hallas is-self kollu ammontanti ghal €13,976 (Lm6,000) li kien ha l-appellant mal-HSBC Bank p.l.c, b'dan li allura s-somma ta' €2,329.37 baqghet zejda ghand l-appellant – ghaliex Lawrence Seychell ma ridiex lura; (c) sar hlas ta' €12,915 f'kontijiet u xiri tal-ghamara skond l-atti, u allura skond l-istess kalkoli jirrizulta l-appellant baqalu ghandu s-somma ta' €23,193.73 barra s-somma ta' €2,329.37 li gew mahfura minn Lawrence Seychell (li ma gewx ikkalkulati mill-arbitru) u allura skond l-appellant dan jaccedi s-somma ta' €23,000 indikata anke jekk jitnaqqas minhha l-ammont ta' €3,290 rappresentanti perjodu ta' 7 xhur minn Marzu 2009 sa Settembru 2009 li l-appellant gie kkunsidrat li uza ghal uzu personali tieghu, u ghalhekk qed jinghad li ma huwiex intitolat ghall-ghajnuna socjali ghal dizimpjieg ghaliex il-valur tar-risorzi kapitali tieghu u tal-familja tieghu kienu fil-fatt jaccedu l-ammont ta' €23,000 imsemmija fl-istess Skeda.

Illi din il-Qorti wara li ezaminat il-kalkoli kollha ndikati mill-appellant, tiddikjara li fl-ewwel lok taqbel mieghu li mas-somma ta' €239,925.46, kellha tizdied is-somma ta' €2,329.37, li gew mahfura minn Lawrence Seychell (li ma gietx ikkunsidrata mill-arbitru), u wara li jsir it-tnaqqis kollu ndikat mill-appellant is-somma li jifdal hija dik ta' €22,233 (li jekk tiehu l-kunteggi fuq indikati tasal ghaliha billi zzid is-somma ta' €23,193.73 mas-somma ta' €2,329.37 u tnaqqas minnha s-somma ta' €3,290) u allura xorta

wahda l-appell tal-appellanti mhux fondat, ghaliex l-ammont ta’ rizorsi kapitali li kellu l-appellat huma inqas minn €23,000 imsemmija fl-istess Skeda.

(€239,925.46 - €192.169.87 = €47,755.59 - €11,646.86 = €36,100.73 - €12,915 = €23,193.73 + €2,329.37 = €25,523.10 - €3,290 = €22,233.10)

Illi allura jirrizulta li l-appell mhux fondat ghaliex ghalkemm il-kalkoli li ghamel l-Arbitru ma humiex korretti fis-sens li kellha tizdied mas-somma ta’ €239,925.46 bhala prezz tal-fond, is-somma ta’ €2,329.37, xorta wahda jekk isir it-tnaqqis tal-infieq li sar mill-appellat is-somma li wiehed jasal ghaliha hija proprju dik ta’ €22,233, li hija inqas minn dik ta’ minn €23,000 imsemmija fl-istess Skeda.

Illi ovvjament hawn mhux qed jigi accettat dak li l-appellant qed isostni fit-12 u it-13 il-paragrafu tar-rikors tal-appell tieghu.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti d-Direttur tas-Sigurta’ Socjali datat 30 ta’ Dicembru 2010, tikkonferma d-decizjoni tal-Arbitru datata 25 ta’ Novembru 2010 fl-ismijiet **“Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (Dec.461/2010) in kwantu l-istess hija konformi mal-istess, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b’dan li allura l-appellat huwa ntitolat ghall-Ghajuna Socjali ghal Dizimpjieg.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti d-Direttur tas-Sigurta’ Socjali.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------